MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 834/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Terence Ciantar (ID. 659882M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ seba mija, tmienja u erbghin ewro u seba u sittin centezmu (€748.67) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut lis-socjeta’ attrici rigwardanti servizzi rezi lilu fuq kuntratt bin-numru 402055 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2010 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta' seba mija, tmienja u erbghin ewro u seba u sittin centezmu (€748.67), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------